MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 31/1999/1

**Joseph u Angela konjugi Camilleri**

**Vs**

**Joseph u Helen konjugi Pavia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-atturi talbu s-somma ta’ Lm53.56c (tlieta u hamsin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) rapprezentanti dritt ta’ appogg dovut lilhom mill-konvenuti konsegwenti ghall-appogg pprattikat mill-istess konvenuti ma’ proprjeta’ ta’ l-atturi fi Triq Anglu Mallia, Birkirkara.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li permezz taghha huma eccepew is-segwenti:

1. It-talba attrici jew parti minnha hija preskritta stante li l-appogg jew parti minnu gie pprattikat qabel l-10 ta’ Jannar, 1994.

2. Minghajr preguddizzju ghall-premess l-ammont mitlub huwa eccessiv.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi huma debituri lejn il-konvenuti f'somma akbar minn dik mitluba mill-atturi kif jirrizulta mill-Kontro-Talba.

Ra l-Kontro-Talba fejn il-konvenuti talbu l-ammont ta' Lm84.15c (erbgha u tmenin lira Maltin u hmistax-il centezmu) jew kull somma ohra nferjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal u kkontestaw it-talba ghar-raguni li l-ammont mitlub jirrapprezenta dritt ta' appogg dovut mill-atturi tal-konvenuti stess konsegwenti ghall-appogg ipprattikat mill-istess atturi mal-proprjeta' tal-konvenuti fi Triq Anglu Mallia u fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara kif jirrizulta mill-kont mahrug mill-Perit Anthony Fenech.

Ra r-Risposta ghall-Kontro-Talba fejn l-atturi tal-konvenuti eccipew li l-istess Kontro-Talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont minnhom mitlub mhux dovut.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti esebiti.

Illi l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni kienet giet michuda fid-decizjoni in parte deciza minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fit-30 ta' Novembru, 2000.

Illi matul il-kawza il-konvenuti Pavia permess tar-Rikors taghhom tal-25 t'Ottubru, 2001 talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkunsidra eccezzjoni ulterjuri ta' *res judicata* izda din giet michuda, wara li ra r-Risposta ta' l-atturi, permess tad-digriet tal-11 t'April, 2002.

Illi rigward it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet it-Tribunal innomina l-Perit Tekniku Alan Saliba.

Ra r-Rapport tal-Perit Tekniku, d-domandi li saru lill-Perit u r-risposti tieghu.

Illi t-Tribunal ikkunsidra l-fatti kollha u ghar-rigward l-aspetti teknici joqghod fuq u jaccetta r-rapport tal-Perit nominat mit-Tribunal u ghalhekk jikkonkludi li l-ammont

mitlub mill-attur mhux eccessiv u huwa gustifikat u dan kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Alan Saliba.

Illi rigward it-tielet eccezzjoni rigward l-ammont mitlub fil-Kontro-Talba jirrizulta mill-istess relazzjoni tal-Perit Saliba li l-atturi ma ezercitawx l-appogg imsemmi fl-istess Kontro-Talba ma' proprjeta' tal-konvenuti. Ghaldaqstant il-Kontro-Talba ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' Lm53.56c (tlieta u hamsin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) u jichad l-eccezzjonijiet flimkien mal-Kontro-Talba tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------